



**UNJONI EWROPEA**

**IL-PARLAMENT EWROPEW**

**IL-KUNSILL**

**Brussell, 14 ta' Ġunju 2018  
(OR. en)**

**2017/0111 (COD)**

**PE-CONS 20/18**

**CLIMA 60  
ENV 230  
TRANS 150  
MI 261  
CODEC 553**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

**Suġġett:** **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar tal-emissjonijiet ta' CO2 u tal-konsum ta' fjuwil minn vetturi heavy-duty ġodda**

**REGOLAMENT (UE) ... / 2018**  
**TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**ta'**

**dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar tal-emissjonijiet ta' CO2**  
**u tal-konsum ta' fjuwil minn vetturi heavy-duty ġodda**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>1</sup>,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja<sup>1</sup>,

---

<sup>1</sup> ĠU C 81, 2.3.2018, p. 95.

<sup>1</sup> Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Ġunju 2018 ... (għadha mhijiex ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali*) u Deċiżjoni tal-Kunsill ta' ... (għadha mhijiex ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali*).

Billi:

- (1) Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 u l-24 ta' Ottubru 2014 dwar il-qafas ta' politika tal-2030 għall-klima u l-enerġija ġiet approvata mira vinkolanti ta' tnaqqis domestiku ta' mill-inqas 40 % fl-emissjonijiet ta' gass serra fis-setturi ekonomiċi kollha sal-2030 meta mqabbel mal-1990, u din il-mira ġiet ikkonfermata mill-ġdid fil-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tas-17 u t-18 ta' Marzu 2016.
- (2) Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 u l-24 ta' Ottubru 2014 stipulaw li l-mira għandha tintlaħaq b'mod kollettiv mill-Unjoni bl-aktar mod kosteffettiv possibbli, bit-tnaqqis fis-sistema għall-iskambju fl-Unjoni ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ('EU ETS', Emissions Trading System) u fis-setturi mhux tal-ETS li jammonta għal 43 % u 30 % rispettivament sal-2030 meta mqabbel mal-2005. Il-Ftehim ta' Pariġi<sup>1</sup>, fost l-oħrajn, jistabbilixxi mira fit-tul li tikkonforma mal-għan li ż-żieda fit-temperatura medja globali tinżamm ħafna aktar baxxa minn 2°C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u biex jitkomplew l-isforzi biex tinżamm sa 1,5°C 'il fuq mil-livelli preindustrijali. Jenħtieġ li l-Istati Membri kollha jipparteċipaw f'dawn l-isforzi u li s-setturi kollha tal-ekonomija, inkluż it-trasport, jikkontribwixxu biex jinkiseb it-tnaqqis fl-emissjonijiet maqbul mill-Kunsill Ewropew u biex jitwettqu l-għanijiet fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi.
- (3) L-Istrateġija Ewropea tal-Kummissjoni tal-2016 għal mobbiltà b'emissjonijiet baxxi tistabbilixxi l-għan li, sa nofs is-seklu, l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mit-trasport jeħtieġu li jkunu mill-inqas 60 % aktar baxxi minn kif kienu fl-1990, u jkunu resqin bis-sħiħ lejn iż-zero.

---

<sup>1</sup> Ftehim ta' Pariġi (ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4).

- (4) Sabiex jintlaħaq dak l-għan, huwa xieraq li jiġu kkunsidrati firxa ta' miżuri differenti. Minbarra li jiġu stabbiliti standards ta' emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> għal vetturi heavy-duty, jiġifieri trakkijiet, xarabankijiet u coaches, dawk il-miżuri jistgħu jinkludu azzjonijiet oħra li jikkontribwixxu għal titjib tal-effiċjenza u emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> aktar baxxi ta' vetturi heavy-duty, bħall-ottimizzazzjoni tat-tagħbija, il-platooning, it-taħriġ tas-sewwieqa, l-użu ta' fjuwils alternattivi, l-iskemi ta' tiġdid tal-flotta, it-tajers b'reżistenza baxxa għad-dawrien, it-tnaqqis tal-konġestjoni u l-investimenti fil-manutenzjoni tal-infrastruttura.
- (5) L-emissjonijiet ta' gass serra minn vetturi heavy-duty bħalissa jirrappreżentaw madwar kwart tal-emissjonijiet mit-trasport bit-triq fl-Unjoni u, jekk ma tittieħed l-ebda miżura addizzjonali, mistennija jiżdiedu b'10 % bejn l-2010 u l-2030 u bi 17 % bejn l-2010 u l-2050. Jeħtieġ li jiġu introdotti miżuri effettivi biex jittrażżnu l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty biex jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet neċessarju fis-settur tat-trasport.
- (6) Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-2014 dwar l-Istrateġija għat-Tnaqqis tal-Konsum tal-Fjuwil u tal-Emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> mill-Vetturi Heavy Duty, il-Kummissjoni rrikonoxxiet li prerekwiżit għall-introduzzjoni ta' tali miżuri hu proċedura regolata għad-determinazzjoni tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> u tal-konsum tal-fjuwil.

- (7) Ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> jipprovdi l-qafas għat-twaqqif ta' tali proċedura regolata. Il-kejl li sar skont dik il-proċedura ser jipprovdi data robusta u komparabbli dwar l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> u l-konsum tal-fjuwil għal kull vettura heavy-duty fir-rigward ta' parti sinifikanti tal-flotta ta' vetturi heavy-duty fl-Unjoni. Ix-xerrej ta' vettura heavy-duty speċifika u l-Istat Membru ta' reġistrazzjoni rispettiv ikollhom aċċess għal dik l-informazzjoni, biex b'hekk titnaqqas parzjalment id-diskrepanza fl-għarfien.
- (8) Fil-biċċa l-kbira, il-kumpanniji tat-trasport huma intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Barra minn hekk, huma għad m'għandhomx aċċess għal informazzjoni standardizzata biex jevalwaw it-teknoloġiji dwar l-effiċjenza tal-fjuwil jew iqabblu l-vetturi heavy-duty sabiex jagħmlu deċiżjonijiet infurmati sew dwar ix-xiri, biex b'hekk inaqqsu l-kontijiet tal-fjuwil tagħhom, li jammontaw għal aktar minn kwart tal-ispejjeż operattivi tagħhom.

---

<sup>1</sup> Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy - duty (Euro VI) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 u d-Direttiva 2007/46/KE u li jħassar id-Direttivi 80/1269/KEE, 2005/55/KE u 2005/78/KE (ĠU L 188, 18.7.2009, p. 1).

- (9) Jenħtieġ li l-informazzjoni dwar ir-rendiment ta' vettura heavy-duty f'termini ta' emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> u ta' konsum ta' fjuwil titqiegħed għad-dispozzjoni tal-pubbliku biex l-operaturi tal-vetturi kollha jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati sewwa dwar ix-xiri u biex ikun żgurat livell għoli ta' trasparenza. Il-manifatturi tal-vetturi heavy-duty kollha ser ikunu jistgħu jqabblu r-rendiment tal-vetturi tagħhom ma' dawk ta' għamliet differenti. Dak ser iżid l-inċentivi għall-innovazzjoni u jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' vetturi heavy-duty aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija, biex b'hekk iżid il-kompetittività. Din l-informazzjoni ser tipprovdi wkoll lil min ifassal il-politika fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri b'bażi tajba għall-iżvilupp ta' politiki li jipromwovu l-użu ta' vetturi heavy-duty iktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija.
- (10) Biex jinkiseb għarfien komplet dwar il-konfigurazzjoni tal-flotta ta' vetturi heavy-duty fl-Unjoni, dwar l-iżvilupp tagħha matul iż-żmien u dwar l-impatt potenzjali fuq l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub>, hu xieraq li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jimmonitorjaw u jirrapportaw lill-Kummissjoni d-data dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi heavy-duty ġodda kollha u tal-karrijiet ġodda kollha, inkluż id-data dwar is-sistemi tal-motopropulsjoni kif ukoll dwar il-karozzerija rilevanti.
- (11) Għalhekk huwa xieraq li l-manifatturi tal-vetturi heavy-duty jimmonitorjaw u jirrapportaw lill-Kummissjoni l-valuri tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> u tal-konsum tal-fjuwil iddeterminati għal kull vettura heavy-duty għida skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400<sup>1</sup>.

---

<sup>1</sup> Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400 tat-12 ta' Diċembru 2017 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> u tal-konsum tal-fjuwil tal-vetturi tqal u li jemenda d- Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011 (ĠU L 349, 29.12.2017, p. 1).

- (12) Id-disponibbiltà tad-data dwar l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> u l-konsum tal-fjuwil għall-kategoriji differenti ta' vetturi heavy-duty tiddependi fuq meta l-kategoriji ser ikunu koperti mir-Regolament (UE) 2017/2400. Sabiex ikunu pprovduti çarezza u çertezza legali rigward l-obbligi tal-monitoraġġ u r-rappurtar għall-manifatturi, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi s-snin tal-bidu għall-monitoraġġ u r-rappurtar għal kull kategorija ta' vettura heavy-duty li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Skont ir-Regolament (UE) 2017/2400, id-data ser tkun disponibbli għal çerti vetturi heavy-duty ġodda li jkunu rreġistrati fl-2019. Mill-bidu ta' dik is-sena, jenħtieġ li l-manifatturi għandhom ikunu rikjesti jimmonitorjaw u jirrappurtaw id-data teknika relatata ma' daww il-vetturi. Għal kategoriji oħrajn ta' vetturi heavy-duty u gruppi oħrajn ta' vetturi heavy-duty, id-data ser tkun disponibbli biss minn data aktar tard. Jenħtieġ li tiġi stabbilita skeda ta' żmien sabiex jiġu ddeterminati s-snin tal-bidu għall-monitoraġġ u r-rappurtar ta' data għal daww il-kategoriji ta' vetturi u gruppi ta' vetturi. Minħabba l-kumplessità teknika tal-iżvilupp tal-proċeduri li jiddeterminaw l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> u l-konsum tal-fjuwil tal-kategoriji ta' vetturi heavy-duty u l-gruppi ta' vetturi li jkun jifdal, l-iskeda ta' żmien għandha tiġi stabbilita għal seba' snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

- (13) Huwa fl-interess tal-pubbliku li d-data teknika essenzjali għad-determinazzjoni tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> u tar-rendiment tal-konsum tal-fjuwil ta' vettura heavy-duty tkun disseminata attivament lill-pubbliku biex tiżdied it-trasparenza tal-ispeċifikazzjonijiet tal-vettura heavy-duty u tar-rendiment relatat, u biex titrawwem kompetizzjoni fost il-manifatturi. Data li hija sensittiva għal raġunijiet ta' protezzjoni ta' data personali u ta' kompetizzjoni ġusta m'għandhiex tiġi ppubblikata. Jenħtieġ li ċerta data relatata mar-rendiment ajrudinamiku tal-vetturi heavy-duty ssir disponibbli għall-pubbliku f'format sabiex jittieħed kont ta' konsiderazzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusta. Jenħtieġ li id-data rrapportata ssir disponibbli għall-pubbliku f'mod aċċessibbli aktar faċilment u mingħajr ħlas. Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ulterjuri tal-aċċess pubbliku għal informazzjoni dwar l-ambjent, fost l-oħrajn skont ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>.

---

<sup>1</sup> Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (ĠU L 264, 25.9.2006, p. 13).

- (14) Huwa importanti li s-sistema ta' monitoraġġ u rappurtar tkun waħda faċli biex tintuża għall-operaturi tat-trasport kollha irrispettivament mid-daqs u r-riżorsi tagħhom. Fl-istess mod, huwa importanti li l-Kummissjoni tippromwovi b'mod attiv tali sistema biex tiżgura li jkollha impatt sinifikattiv fuq is-settur u biex tqajjem kuxjenza dwar id-disponibbiltà tad-data rrappurtata.
- (15) Jenħtieġ li l-analiżi tal-Kummissjoni tad-data trasmessa mill-Istati Membri u l-manifatturi għas-sena kalendarja preċedenti tiġi ppreżentata lill-pubbliku f'mod li juri biċ-ċar ir-rendiment tal-flotta ta' vetturi heavy-duty tal-Unjoni u ta' kull Stat Membru kif ukoll dak ta' kull manifattur. Dan għandu jippermetti l-komparabbiltà kemm fil-flotot kif ukoll bejniethom f'termini tal-konsum medju ta' fjuwil u ta' emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> għal kull grupp ta' vetturi heavy-duty skont il-profil tal-missjoni.

- (16) Huwa essenzjali li l-valuri tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> u tal-konsum ta' fjuwil determinati skont ir-Regolament (UE) 2017/2400 jirriflettu b'mod korrett ir-rendiment tal-vetturi heavy-duty. Għalhekk, dak ir-Regolament jistabbilixxi dispożizzjonijiet biex tkun verifikata u żgurata l-konformità kemm tat-tħaddim tal-għodda ta' simulazzjoni kif ukoll tal-proprjetajiet relatati tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> u ta' konsum tal-fjuwil tal-komponenti rilevanti, is-sistemi u l-unitajiet tekniċi separati. Jenħtieġ li dik il-proċedura ta' verifika tinkludi l-ittestjar fuq it-triq. Il-qafas il-ġdid tal-approvazzjoni tat-tip kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2018/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>\* jipprovdli l-mezzi biex jiżguraw li, fil-każ ta' devjazzjonijiet, jittieħdu miżuri ta' rimedju mill-manifattur, u li f'każ ta' nuqqas ta' konformità, il-Kummissjoni tkun tista' timponi multi amministrattivi. Dak il-qafas il-ġdid jirrikonoxxi wkoll l-importanza ta' partijiet terzi li jitħallew iwettqu ittestjar indipendenti ta' vetturi u li għandhom aċċess għal data neċessarja. Jenħtieġ li l-Kummissjoni timmonitorja r-riżultati ta' tali testijiet ta' verifika u għandha tinkludi analiżi ta' dawk ir-riżultati fir-rapport annwali tagħha.

---

<sup>1</sup> Regolament (UE) 2018/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU ...).

\* ĠU: Jekk jogħġbok daħħal referenza għal PE-CONS 73/17.

- (17) Huwa importanti li jkun żgurat li d-data mmonitorjata u rappurtata tkun robusta u affidabbli. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha l-mezzi biex tivverifika, u fejn ikun hemm bżonn, tikkoreġi d-data finali. Għalhekk, jenħtieġ li r-rekwiżiti tal-monitoraġġ jipprevedu wkoll parametri li jippermettu li d-data tkun traċċata u vverifikata b'mod adegwat.
- (18) Jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha l-possibbiltà li timponi multa amministrattiva fejn issib li d-data rrappurtata mill-manifattur tiddevja mid-data rreġistrata fil-qafas tar-Regolament (KE) Nru 595/2009 u, b'mod partikolari, f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011<sup>1</sup> u r-Regolament (UE) 2017/2400 jew fejn il-manifattur jonqos milli jagħti d-data meħtieġa fl-iskadenza applikabbli. Dawk il-multi għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

---

<sup>1</sup> Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplementa u jemenda r-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u li jemenda l-Annessi I u III għad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 167, 25.6.2011, p. 1).

- (19) Skont l-esperjenza miksuba mill-monitoraġġ u r-rappurtar ta' data dwar l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> għal karożżi ġodda tal-passiġġieri u r-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup> għal vetturi kummerċjali ħfief ġodda, huwa xieraq li r-responsabbiltà għall-iskambju tad-data mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-manifatturi, kif ukoll għall-ġestjoni tal-bażi tad-data finali għan-nom tal-Kummissjoni, tingħata lill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent. Huwa wkoll xieraq li sa fejn hu possibbli, il-proċeduri ta' monitoraġġ u ta' rappurtar għal vetturi heavy-duty jiġu allinjati ma' dawk diġà eżistenti għal vetturi light-duty.
- (20) Biex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar il-verifika u l-korrezzjoni tad-data mmonitorjata, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħat tal-implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup>.

---

<sup>1</sup> Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li jistabbilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet minn karożżi ġodda tal-passiġġieri bħala parti mill-approċċ integrat tal-Komunità biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> minn vetturi ħfief (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 1).

<sup>2</sup> Regolament (KE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2011 li jistabbilixxi standards ta' rendiment tal-emissjonijiet tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda bħala parti mill-approċċ integrat tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> minn vetturi ħfief (ĠU L 145, 31.5.2011, p. 1).

<sup>3</sup> Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

(21) Sabiex jiġi żgurat li r-rekwiżiti tad-data u l-proċedura ta' monitoraġġ u rappurtar jibqgħu rilevanti tul iż-żmien għall-valutazzjoni tal-kontribut tal-flotta ta' vetturi heavy-duty għall-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub>, sabiex tkun żgurata d-disponibbiltà tad-data dwar teknoloġiji ġodda u avvanzati li jnaqqsu s-CO<sub>2</sub> u fuq ir-riżultati tat-testijiet tal-verifika fit-triq u biex jiġi żgurat li l-format ta' firxa ta' valuri tar-reżistenza tal-arja jibqgħu rilevanti għal finijiet ta' informazzjoni u ta' komparabbiltà, kif ukoll sabiex jiġu supplimentati d-dispożizzjonijiet dwar il-multi amministrattivi, jenħtieġ li s-setgħa tal-adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-ikkompletar tas-snin tal-bidu għall-monitoraġġ u r-rappurtar tal-kategoriji ta' vetturi heavy-duty koperti, tal-emendar tar-rekwiżiti tad-data u l-emendar tal-proċedura tal-monitoraġġ u rappurtar stabbilita fl-Annessi għal dan ir-Regolament, tal-ispeċifikazzjoni tad-data li tkun teħtieġ tiġi rrappurtata mill-Istati Membri għall-monitoraġġ tar-riżultati tat-testijiet ta' verifika fit-triq, tal-emendar tal-firxiet tal-valuri tar-reżistenza tal-arja, u tad-definizzjoni tal-kriterji, il-kalkolu u l-metodu tal-ġbir tal-multi amministrattivi imposti fuq il-manifatturi. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet<sup>1</sup>. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tnejn tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qed jindirizzaw it-tnejn tal-atti delegati.

---

<sup>1</sup> ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

- (22) Peress li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-monitoraġġ u r-rappurtar tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> u l-konsum ta' fjuwil minn vetturi heavy-duty ġodda fl-Unjoni, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista', minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-għan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## *Artikolu 1*

### *Suġġett*

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-monitoraġġ u r-rappurtar tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> u tal-konsum ta' fjuwil minn vetturi heavy-duty ġodda rreġistrati fl-Unjoni.

## *Artikolu 2*

### *Kamp ta' applikazzjoni*

Dan ir-Regolament japplika għall-monitoraġġ u r-rappurtar mill-Istati Membri u mill-manifatturi ta' vetturi heavy-duty ta' data dwar vetturi heavy-duty ġodda.

Huwa japplika fir-rigward tal-kategoriji ta' vetturi li ġejjin:

- (a) il-vetturi tal-kategoriji M<sub>1</sub>, M<sub>2</sub>, N<sub>1</sub> u N<sub>2</sub> b'massa ta' referenza li teççedi 2 610 kg u li ma jaqgħux fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>, u l-vetturi kollha tal-kategoriji M<sub>3</sub> u N<sub>3</sub>;
- (b) il-vetturi tal-kategoriji O<sub>3</sub> u O<sub>4</sub>.

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, dawk il-vetturi huma msemmin bħala vetturi heavy-duty.

---

<sup>1</sup> Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi (ĠU L 171, 29.6.2007, p. 1).

*Artikolu 3*  
*Definizzjonijiet*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> u fir-Regolament (KE) Nru 595/2009.

*Artikolu 4*  
*Monitoraġġ u rappurtar mill-Istati Membri*

1. Mill-bidu tal-1 ta' Jannar 2019, u għal kull sena kalendarja sussegwenti, l-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw id-data speċifikata fil-Parti A tal-Anness I relatata ma' vetturi heavy-duty ġodda rreġistrati għall-ewwel darba fl-Unjoni.

Sat-28 ta' Frar ta' kull sena, mill-2020 'il quddiem, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jirrapurtaw dik id-data lill-Kummissjoni f'konformità mal-proċedura ta' rappurtar stabbilita fl-Anness II.

Data relatata ma' vetturi heavy-duty ġodda li ġew irreġistrati qabel barra mill-Unjoni ma għandhiex tiġi mmonitorjata u rrapurtata, sakemm dik ir-reġistrazzjoni ma tkunx saret inqas minn tliet xhur qabel ir-reġistrazzjoni fl-Unjoni.

---

<sup>1</sup> Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (Direttiva Kwadru) (ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1).

2. L-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-monitoraġġ u r-rappurtar ta' data skont dan ir-Regolament għandhom ikunu dawk nominati mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 8(7) tar-Regolament (KE) Nru 443/2009.

#### *Artikolu 5*

#### *Monitoraġġ u rappurtar mill-manifatturi*

1. Mis-snin tal-bidu stabbiliti fil-punt 1 tal-Parti B tal-Anness I, il-manifatturi ta' vetturi heavy-duty għandhom jimmonitorjaw, fuq bażi ta' sena kalendarja, id-data speċifikata fil-punt 2 tal-Parti B tal-Anness I, għal kull vettura heavy-duty ġdida.  
  
Sat-28 ta' Frar ta' kull sena, mis-snin tal-bidu stabbiliti fil-punt 1 tal-Parti B tal-Anness I, il-manifatturi ta' vetturi heavy-duty għandhom jirraportaw dik id-data għal kull vettura heavy-duty ġdida b'data ta' simulazzjoni li taqa' fis-sena kalendarja preċedenti lill-Kummissjoni skont il-proċedura ta' rappurtar stabbilita fl-Anness II.  
  
Id-data tas-simulazzjoni għandha tkun id-data rappurtata skont l-entrata tad-data 71 fil-punt 2 tal-Parti B tal-Anness I.
2. Kull manifattur għandu jaħtar punt ta' kuntatt għall-iskop tar-rappurtar tad-data skont dan ir-Regolament.

## *Artikolu 6*

### *Reġistru Ċentrali għal data dwar vetturi heavy-duty*

1. Il-Kummissjoni għandha żżomm Reġistru Ċentrali għad-data dwar vetturi heavy-duty ("ir-Reġistru") li tiġi rappurtata f'konformità mal-Artikoli 4 u 5.

Ir-Reġistru għandu jkun disponibbli pubblikament bl-eċċezzjoni tal-entrata tad-data (a) speċifikata fil-Parti A tal-Anness I u l-entrati tad-data 1, 24, 25, 32, 33, 39 u 40 speċifikati fil-punt 2 tal-Parti B tal-Anness I. Fir-rigward tal-entrata tad-data 23 speċifikata fil-punt 2 tal-parti B tal-Anness I, il-valur għandu jsir disponibbli pubblikament f'format ta' firxa ta' valuri kif stabbilit fil-Parti C tal-Anness I.

2. Ir-Reġistru għandu jkun ġestit mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent fisem il-Kummissjoni.

## *Artikolu 7*

### *Monitoraġġ tar-riżultati tat-testijiet ta' verifika fit-triq*

1. Il-Kummissjoni għandha twettaq monitoraġġ, fejn disponibbli, tar-riżultati ta-testijiet fit-triq mwettqa fi ħdan il-qafas tar-Regolament (KE) Nru 595/2009 biex tivverifika l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> u l-konsum tal-fjuwil ta' vetturi heavy-duty ġodda.
2. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 13 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tispeċifika d-data li għandha tiġi rappurtata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għall-iskopijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

## *Artikolu 8*

### *Il-kwalità tad-data*

1. L-awtoritajiet kompetenti u l-manifatturi għandhom ikunu responsabbli għall-eżattezza u l-kwalità tad-data li jirrapportaw taħt l-Artikoli 4 u 5. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien bi kwalunkwe żball misjub fid-data rappurtata.

2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel il-verifiki tagħha stess tal-kwalità tad-data rappurtata taħt l-Artikoli 4 u 5.
3. Fejn il-Kummissjoni tkun infurmata bl-iżbalji fid-data jew issib, bis-saħħa tal-verifika tagħha stess, diskrepanzi fis-sett tad-data, hi għandha, fejn xieraq, tiegħu l-miżuri neċessarji biex tikkoreġi d-data ppubblikata fir-Reġistru msemmi fl-Artikolu 6.
4. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddetermina l-miżuri ta' verifika u korrezzjoni msemmija fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 12.

### *Artikolu 9*

#### *Multi amministrattivi*

1. Il-Kummissjoni tista' timponi multa amministrattiva f'kull wieħed minn dawn il-każijiet:
  - (a) fejn issib li d-data rappurtata mill-manifattur taħt l-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament tiddevja mid-data li tirriżulta mill-fajl tar-rekords tal-manifattur jew iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip għall-magna maħruġ fi ħdan il-qafas tar-Regolament (KE) Nru 595/2009, u d-devjazzjoni tkun intenzjonata jew minħabba traskuraġni serja;

- (b) fejn id-data ma tkunx ppreżentata fi żmien id-data ta' skadenza applikabbli skont l-Artikolu 5 (1) u d-dewmien ma jistax ikun debitament ġustifikat.

Għall-iskopijiet tal-verifika tad-data msemmija fil-punt (a), il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-awtoritajiet ta' approvazzjoni rilevanti.

Il-multi amministrattivi għandhom ikunu effettivi, proporzjonali u dissważivi u m'għandhomx jeċċedu EUR 30 000 għal kull vettura heavy-duty kkonċernata minn devjazzjoni jew dewmien ta' data kif imsemmi fil-punti (a) u (b).

- 2 Il-Kummissjoni għandha, abbażi tal-prinċipji stipulati fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, tadotta atti delegati skont l-Artikolu 13 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi l-proċedura, il-metodi għall-kalkolu u l-ġbir tal-multi amministrattivi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.
3. L-atti delegati msemmija fil-paragrafu 2 għandhom jirrispettaw il-prinċipji li ġejjin:
- (a) il-proċedura stabbilita mill-Kummissjoni għandha tirrispetta d-dritt għal amministrazzjoni tajba, u b'mod partikolari d-dritt li wieħed jinstema' u d-dritt ta' aċċess għall-fajl, filwaqt li jiġu rrispettati l-interessi leġittimi tal-kunfidenzjalità u ta' sigrieti kummerċjali;

- (b) fil-kalkolu tal-multa amministrattiva adatta, il-Kummissjoni għandha tkun iggwidata mill-prinċipji tal-effettività, il-proporzjonalità u d-dissważività, b'kont meħud, fejn rilevanti, tas-serjetà u l-effetti tad-devjazzjoni jew tad-dewmien, l-għadd ta' vetturi heavy-duty kkonċernati minn devjazzjoni jew dewmien ta' data, il-bona fides tal-manifattur, il-grad ta' diliġenza u kooperazzjoni tal-manifattur, ir-ripetizzjoni, il-frekwenza jew it-tul ta' żmien tad-devjazzjoni jew id-dewmien kif ukoll sanzjonijiet preċedenti imposti fuq l-istess manifattur;
  - (c) il-multi amministrattivi għandhom jinġabru mingħajr dewmien żejjed billi jiġu ffixxati skadenzi għall-ħlas u, skont il-każ, tiġi inkluża l-possibbiltà li l-ħlas jinqasam f'diversi pagamenti parzjali u fażijiet.
4. L-ammonti tal-multi amministrattivi għandhom jitqiesu bħala dħul għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.

#### *Artikolu 10*

##### *Rapport*

1. Sal-31 ta' Ottubru ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport annwali bl-analiżi tagħha tad-data trażmessa mill-Istati Membri u mill-manifatturi għas-sena kalendarja preċedenti.

2. L-analiżi għandha tindika, bħala minimu, ir-rendiment tal-flotta ta' vetturi heavy-duty tal-Unjoni kif ukoll dik ta' kull Stat Membru u kull manifattur f'termini tal-konsum medju ta' fjuwil u tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> għal kull kategorija ta' vetturi heavy-duty skont il-profil, tagħbija u l-kombinazzjoni tal-fjuwil tal-missjoni. Din għandha wkoll, fejn disponibbli, tqis id-data dwar it-teħid ta' teknoloġiji ġodda u avvanzati ta' tnaqqis tas-CO<sub>2</sub>, kif ukoll ta' sistemi ta' motopropulsjoni alternattivi. Barra minn hekk, din għandha tinkludi analiżi ta', fejn ikunu disponibbli, ir-riżultati tat-testijiet ta' verifika fit-triq kif immonitorjati skont l-Artikolu 7.
3. Il-Kummissjoni għandha theggi l-analiżi bl-appoġġ tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.

*Artikolu 11*

*L-emendar tal-Annessi*

1. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati taħt l-Artikolu 13 bil-ħsieb li temenda l-Annessi għall-iskop ta':
  - (a) l-aġġornament jew l-aġġustament tar-rekwiżiti tad-data speċifikati fil-Parti A u l-Parti B tal-Anness I, fejn dan jitqies li hu neċessarju biex tiġi prevista analiżi bir-reqqa skont l-Artikolu 10;
  - (b) l-ikkompletar tas-snin tal-bidu fil-punt 1 tal-Parti B tal-Anness I;
  - (c) l-aġġornament jew l-aġġustament tal-firxiet ta' valuri stabbiliti fil-Parti C tal-Anness I biex jitqiesu l-bidliet fit-tfassil ta' vetturi heavy-duty u biex ikun żgurat li l-firxiet ta' valuri jibqgħu rilevanti għal skopijiet ta' informazzjoni u komparabbiltà;
  - (d) l-aġġustament tal-proċedura ta' monitoraġġ u rappurtar speċifikata fl-Anness II biex titqies l-esperjenza miksuba mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
2. L-atti delegati msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1 għandhom jiġu adottati sa ... [7 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

## *Artikolu 12*

### *Il-proċedura tal-kumitat*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima stabbilit mir-Regolament (UE) 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

## *Artikolu 13*

### *Eżerċizzju tad-delega*

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

---

<sup>1</sup> Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u għar-rapportar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE (ĠU L 165, 18.6.2013, p. 13).

2. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 7(2), 9(2) u 11(1) hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ta' seba' snin minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' seba' snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża taċitament għal perijodi ta' tul ta' żmien identiku, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel tmiem kull perijodu.
3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikoli 7(2), 9(2) u 11(1) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Qabel l-adozzjoni ta' att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-esperti maħtura minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwaru.
6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 7(2), 9(2) u 11(1) għandu jidhhol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien perijodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 14*  
*Dħul fis-seħħ*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*

---

## ANNEX I

Regoli dwar data li għandha tiġi mmonitorjata u rappurtata

PARTI A: DATA LI GĦANDHA TIĠI MMONITORJATA U RAPPURTATA MILL-ISTATI  
MEMBRI:

- (a) in-numri tal-identifikazzjoni tal-vetturi heavy-duty ġodda kollha kif imsemmi fil-punti (a) u (b) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 li huma rreġistrati fit-territorju ta' Stat Membru;
- (b) l-isem tal-manifattur;
- (c) id-ditta (l-isem kummerċjali tal-manifattur);
- (d) il-kodiċi għall-karozzerija kif speċifikat fil-punt 38 ta' ċertifikat ta' konformità, fejn disponibbli;
- (e) fil-każ tal-vetturi heavy-duty msemmija fil-punt (a) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2, l-informazzjoni fuq l-impjant tal-enerġija speċifikata fil-punti 23, 23.1 u 26 ta' ċertifikat ta' konformità.

PARTI B: DATA LI GĦANDHA TIĠI MMONITORJATA U RAPPURTATA MILL-MANIFATTURI TA' VETTURI HEAVY-DUTY

1. Is-snin tal-bidu għall-monitoraġġ u r-rappurtar tad-data għall-kategoriji ta' vetturi heavy-duty stipulati fil-punti (a) u (b) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2:

Kategorija ta' vetturi heavy-duty	Grupp ta' vetturi fil-kategorija tal-vetturi (kif imsemmi fl-Anness I għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400)	Sena tal-bidu Monitoraġġ	Sena tal-bidu Rappurtar
N <sub>1</sub>	-	-	-
N <sub>2</sub>	1 u 2	2020	2021
N <sub>3</sub>	3	2020	2021
	4, 5, 9 u 10	2019	2020
	11, 12 u 16	2020	2021
M <sub>1</sub>	-	-	-
M <sub>2</sub>	-	-	-
M <sub>3</sub>	-	-	-
O <sub>3</sub>	-	-	-
O <sub>4</sub>	-	-	-

2. Data li għandha tiġi mmonitorjata u rappurtata:

Nru	Parametri tal-monitoraġġ	Is-sors: Parti I tal- Anness IV għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400, dment li ma jkunx speċifikat mod ieħor	Deskrizzjoni
1	Numru ta' identifikazzjoni tal-vettura (VIN)	1.1.3	Identifikazzjoni tal-vettura u l-komponenti
2	Numru taċ-ċertifikazzjoni tal-magna	1.2.2	
3	Numru taċ-ċertifikazzjoni CdxA <sup>1</sup> (jekk applikabbli)	1.8.3	
4	Numru taċ-ċertifikazzjoni tat-trażmissjoni	1.3.2	
5	Numru taċ-ċertifikazzjoni tal-fus	1.6.2	
6	Numru taċ-ċertifikazzjoni tat-tajer, fus 1	1.9.2	
7	Numru taċ-ċertifikazzjoni tat-tajer, fus 2	1.9.6	
8	Numru taċ-ċertifikazzjoni tat-tajer, fus 3	1.9.10	
9	Numru taċ-ċertifikazzjoni tat-tajer, fus 4	1.9.14	

<sup>1</sup> Reżistenza tal-arja.

Nru	Parametri tal-monitoraġġ	Is-sors: Parti I tal- Anness IV għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400, dment li ma jkunx speċifikat mod ieħor	Deskrizzjoni
10	Kategorija tal-vettura (N <sub>1</sub> , N <sub>2</sub> , N <sub>3</sub> , M <sub>1</sub> , M <sub>2</sub> , M <sub>3</sub> )	1.1.4	Klassifikazzjoni tal-vettura
11	Konfigurazzjoni tal-fus	1.1.5	
12	Piż gross massimu tal-vettura (t)	1.1.6	
13	Grupp tal-vettura	1.1.7	
14	Isem u indirizz tal-manifattur	1.1.1	Speċifikazzjoni tal-vettura u tax-xażi
15	Ditta (isem kummerċjali tal-manifattur)	1.1.7 Parti II tal-Anness IV għar-Regolament tal-Kummissjoni (EU) 2017/2400	
16	Massa attwali kkoreġuta tal-vettura mingħajr okkupanti (kg)	1.1.8	

Nru	Parametri tal-monitoraġġ	Is-sors: Parti I tal- Anness IV għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400, dment li ma jkunx speċifikat mod ieħor	Deskrizzjoni
17	Potenza nominali tal-magna (kW)	1.2.3	Speċifikazzjonijiet ewlenin tal-magna
18	Veloċità tal-magna mhux ingranata (1/min)	1.2.4	
19	Veloċità nominali tal-magna (1/min)	1.2.5	
20	Kapaċità tal-magna (ltr)	1.2.6	
21	Tip ta' fjuwil ta' referenza tal-magna(diżil/ LPG/CNG...)	1.2.7	
22	Opzjoni taċ-ċertifikazzjoni użata għall-ġenerazzjoni ta' CdxA (valuri jew kejl standard)	1.8.2	Ajru dinamika
23	Valur CdxA (valur tar-reżistenza tal-arja)	1.8.4	
24	Isem u indirizz tal-manifattur tat-trażmissjoni	-	Speċifikazzjonijiet ewlenin tat-trażmissjoni
25	Ditta (isem kummerċjali tal-manifattur tat-trażmissjoni)	-	

Nru	Parametri tal-monitoraġġ	Is-sors: Parti I tal- Anness IV għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400, dment li ma jkunx speċifikat mod ieħor	Deskrizzjoni
26	Opzjoni taċ-ċertifikazzjoni użata għall-ġenerazzjoni tal-mapep tat-telf tal-għodda tas-simulazzjoni (Opzjoni 1 / Opzjoni 2 / Opzjoni 3 / Valuri standard)	1.3.3	
27	Tip ta' trażmissjoni (SMT <sup>1</sup> , AMT <sup>2</sup> , APT <sup>3</sup> -S <sup>4</sup> , APT-P <sup>5</sup> )	1.3.4	
28	Għadd ta' gerijiet	1.3.5	
29	Proporzjon tal-ger finali tat-trażmissjoni	1.3.6	
30	Tip ta' ritardant	1.3.7	

<sup>1</sup> Trażmissjoni Manwali Sinkronizzata

<sup>2</sup> Trażmissjoni Manwali Awtomatizzata jew Trażmissjoni Ingranata Mekkanikament Awtomatika

<sup>3</sup> Trażmissjoni b'Powershifting Awtomatiku

<sup>4</sup> 'S' tindika l-arranġament serjali ta' torque converter u l-partijiet mekkaniċi konnessi tat-trażmissjoni.

<sup>5</sup> 'P' tindika l-arranġament parallel ta' torque converter u l-partijiet mekkaniċi konnessi tat-trażmissjoni (p.e. f'installazzjonijiet ta' power split).

Nru	Parametri tal-monitoraġġ	Is-sors: Parti I tal- Anness IV għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400, dment li ma jkunx speċifikat mod ieħor	Deskrizzjoni
31	Konnessjoni motorizzata (iva/le)	1.3.8	
32	Isem u indirizz tal-manifattur tal-fus	-	Speċifikazzjonijiet tal-fus ewlieni
33	Ditta (isem kummerċjali tal-manifattur tal-fus)	-	
34	Opzjoni taċ-ċertifikazzjoni użata għall-ġenerazzjoni ta' mappa tat-telf tal-għodda tas-simulazzjoni (valuri/kejl standard)	1.7.3	
35	Tip ta' fus (eż. fus wieħed standard operat)	1.7.4	
36	Proporzjon tal-fus	1.7.5	
37	Opzjoni taċ-ċertifikazzjoni użata għall-ġenerazzjoni ta' mappa tat-telf tal-għodda tas-simulazzjoni (valuri/kejl standard)	1.6.3	L-ispeċifikazzjonijiet tas-sewqan f'angolu
38	Proporzjon tas-sewqan f'angolu	1.6.4	

Nru	Parametri tal-monitoraġġ	Is-sors: Parti I tal- Anness IV għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400, dment li ma jkunx speċifikat mod ieħor	Deskrizzjoni
39	Isem u indirizz tal-manifattur tat-tajer	-	Speċifikazzjonijiet ewlenin tat-tajers
40	Ditta (isem kummerċjali tal-manifattur tat-tajer)	-	
41	Daqs tat-tajer, fus 1	1.9.1	
42	Koeffiċjent speċifiku tar-reżistenza għad-dawrien (RRC, rolling resistance coefficient) tat-tajers kollha fuq il-fus 1	1.9.3	
43	Daqs tat-tajer, fus 2	1.9.4	
44	Fus doppju (iva/le) fus 2	1.9.5	
45	RRC speċifika tat-tajers kollha fuq il-fus 2	1.9.7	
46	Daqs tat-tajer, fus 3	1.9.8	
47	Fus doppju (iva/le), fus 3	1.9.9	
48	RRC speċifika tat-tajers kollha fuq il-fus 3	1.9.11	
49	Daqs tat-tajer fus 4	1.9.12	
50	Fus doppju (iva/le) fus 4	1.9.13	
51	RRC speċifika tat-tajers kollha fuq il-fus 4	1.9.15	

Nru	Parametri tal-monitoraġġ	Is-sors: Parti I tal- Anness IV għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400, dment li ma jkunx speċifikat mod ieħor	Deskrizzjoni
52	Teknoloġija tal-fann tat-tkessiħ tal-magna	1.10.1	Speċifikazzjonijiet ewlenin awżiljarji
53	Teknoloġija tal-pompa tal-istering	1.10.2	
54	Teknoloġija tas-sistema tal-elettriku	1.10.3	
55	Teknoloġija tas-sistema pneumatica	1.10.4	
56	Profil tal-missjoni (trasport fit-tul, trasport fit-tul (EMS <sup>1</sup> ), reġjonali, reġjonali (EMS), urban, muniċipali, kostruzzjoni)	2.1.1	Parametri ta' simulazzjoni (għal kull profil/tagħbija/kombinazzjoni tal-fjuwil tal-missjoni)
57	Tagħbija (kif definita fl-għodda tas-simulazzjoni) (kg)	2.1.2	
58	Tip ta' fjuwil (diżil/petrol/LPG/CNG/...)	2.1.3	
59	Massa totali tal-vettura taħt simulazzjoni (kg)	2.1.4	

<sup>1</sup> Sistema Modulari Ewropea (EMS, European Modular System) f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE tal-25 ta' Lulju 1996 li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità id-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali (ĠU L 235 17.9.1996, p. 59).

Nru	Parametri tal-monitoraġġ	Is-sors: Parti I tal- Anness IV għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400, dment li ma jkunx speċifikat mod ieħor	Deskrizzjoni
60	Veloċità medja (km/h)	2.2.1	Rendiment tas-sewqan tal-vettura (għal kull profil/tagħbija/kombinazzjoni tal-fjuwil tal-missjoni)
61	Veloċità minima istantanja (km/h)	2.2.2	
62	Veloċità massima istantanja (km/h)	2.2.3	
63	Deċellerazzjoni massima (m/s <sup>2</sup> )	2.2.4	
64	Aċċellerazzjoni massima (m/s <sup>2</sup> )	2.2.5	
65	Perċentwal tat-tagħbija sħiħa fuq il-ħin tas-sewqan	2.2.6	
66	Għadd totali tat-tibdil tal-gerijiet	2.2.7	
67	Distanza totali misjuqa (km)	2.2.8	
68	Emissjonijiet CO <sub>2</sub> (espressi fi g/km, g/t-km, g/p-km, g/m <sup>3</sup> -km)	2.3.13-2.3.16	emissjonijiet ta' CO <sub>2</sub> u konsum tal-fjuwil (għal kull profil/tagħbija/kombinazzjoni tal-fjuwil tal-missjoni)
69	Konsum tal-fjuwil (espress fi g/km, g/t-km, g/p-km, g/m <sup>3</sup> -km, l/100km, l/t-km, l/p-km, l/m <sup>3</sup> -km, MJ/km, MJ/t-km, MJ/p-km, MJ/m <sup>3</sup> -km)	2.3.1-2.3.12	

Nru	Parametri tal-monitoraġġ	Is-sors: Parti I tal- Anness IV għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400, dment li ma jkunx speċifikat mod ieħor	Deskrizzjoni
70	Verżjoni (X.X.X.) tal-għodda ta' simulazzjoni	3.1.1	Informazzjoni tas-software u l-utent
71	Data u ħin tas-simulazzjoni	3.1.2	
72	Numru tal-liċenzja biex topera l-għodda tas-simulazzjoni	-	
73	Hash kriptografiku tar-riżultat tal-għodda tas-simulazzjoni	3.1.4	
74	Teknoloġiji avvanzati għat-tnaqqis tas-CO <sub>2</sub>	-	Teknoloġiji għat-tnaqqis tas-CO <sub>2</sub> tal-vettura

Nru	Parametri tal-monitoraġġ	Is-sors: Parti I tal- Anness IV għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400, dment li ma jkunx speċifikat mod ieħor	Deskrizzjoni
75	Emissjonijiet ta' massa ta' CO <sub>2</sub> għat-test WHTC <sup>1</sup> (g/kWh)	Il-punt 1.4.2 tal-addendum għall-Appendiċi 5, jew il-punt 1.4.2 tal-addendum għall-Appendiċi 7, għall-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011, skont liema jkun applikabbli	Emissjonijiet ta' CO <sub>2</sub> tal-magna u konsum ta' fjuwil speċifiku
76	Konsum ta' fjuwil tal-magna 'l fuq minn WHTC (g/kWh)	Il-punt 1.4.2 tal-addendum għall-Appendiċi 5, jew il-punt 1.4.2 tal-addendum għall-Appendiċi 7, għall-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011, skont liema jkun applikabbli	

<sup>1</sup> World Harmonized Transient Driving Cycle

Nru	Parametri tal-monitoraġġ	Is-sors: Parti I tal- Anness IV għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400, dment li ma jkunx speċifikat mod ieħor	Deskrizzjoni
77	Emissjonijiet ta' massa ta' CO <sub>2</sub> tal-magna 'l fuq minn WHSC <sup>1</sup> (g/kWh)	Il-punt 1.4.1 tal-addendum għall-Appendiċi 5, jew il-punt 1.4.1 tal-addendum għall-Appendiċi 7, għall-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011, skont liema jkun applikabbli	
78	Konsum ta' fjuwil tal-magna 'l fuq minn WHSC (g/kWh)	Il-punt 1.4.1 tal-addendum għall-Appendiċi 5, jew il-punt 1.4.1 tal-addendum għall-Appendiċi 7, għall-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011, skont liema jkun applikabbli	

<sup>1</sup> World Harmonized Transient Driving Cycle

PARTI C: VALUR TAR-REŻISTENZA TAL-ARJA (CdxA) FIRXIET TA' VALURI  
GĦALL-ISKOP TA' PUBBLIKAZZJONI SKONT L-ARTIKOLU 6

Għall-fini li jkun pubblikament disponibbli l-valur CdxA speċifikat fl-entrata tad-data 23 skont l-Artikolu 6, il-Kummissjoni għandha tuża l-firxiet ta' valuri definiti fit-tabella li ġejja li fiha l-firxa korrispondenti għal kull valur CdxA:

Firxa	Valur CdxA [m <sup>2</sup> ]	
	CdxA Min (CdxA >= min CdxA)	CdxA Mass (CdxA <MaxCdxA)
A1	0,00	3,00
A2	3,00	3,15
A3	3,15	3,31
A4	3,31	3,48
A5	3,48	3,65
A6	3,65	3,83
A7	3,83	4,02
A8	4,02	4,22
A9	4,22	4,43
A10	4,43	4,65
A11	4,65	4,88
A12	4,88	5,12

Firxa	Valur CdxA [m <sup>2</sup> ]	
	CdxA Min (CdxA >= min CdxA)	CdxA Mass (CdxA <MaxCdxA)
A13	5,12	5,38
A14	5,38	5,65
A15	5,65	5,93
A16	5,93	6,23
A17	6,23	6,54
A18	6,54	6,87
A19	6,87	7,21
A20	7,21	7,57
A21	7,57	7,95
A22	7,95	8,35
A23	8,35	8,77
A24	8,77	9,21

---

## ANNEX II

### Rappurtar u ġestjoni tad-data

1. RAPPURTAR MILL-ISTATI MEMBRI
  - 1.1 Id-data speċifikata fil-Parti A tal-Anness I għandha tiġi trażmessa skont l-Artikolu 4 mill-punt tal-kuntatt tal-awtorità kompetenti permezz tat-trasferiment ta' data elettronika lir-Repożitorju tad-Data Ċentrali ġestit mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent ('l-Aġenzija').  
  
Il-punt tal-kuntatt għandu jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija meta d-data tiġi trażmesssa bil-posta elettronika lill-indirizzi li ġejjin:  
  
EC-CO2-HDV-IMPLEMENTATION@ec.europa.eu  
  
u  
  
HDV-monitoring@eea.europa.eu
2. Rappurtar mill-manifatturi
  - 2.1 Il-manifatturi għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien u mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2018 l-informazzjoni li ġejja:
    - (a) isem il-manifattur indikat fiċ-ċertifikat ta' konformità jew fiċ-ċertifikat ta' approvazzjoni individwali;

- (b) il-kodiċi tan-Numru ta' Identifikazzjoni Dinji tal-Manifattur (il-kodiċi WMI) kif definit fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 19/2011<sup>1</sup> biex jintuża fin-numri ta' identifikazzjoni tal-vetturi ta' vetturi heavy-duty ġodda li ser jitpoġġew fis-suq;
- (c) il-punt tal-kuntatt responsabbli għat-tqegħid tad-data fir-Repożitorju tad-Data tan-Negozju tal-Aġenzija.

Huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bla dewmien dwar kwalunkwe tibdil f'dik l-informazzjoni.

In-notifiki għandhom jintbagħtu lill-indirizzi msemmija fil-punt 1.1.

- 2.2 Manifatturi ġodda li jidħlu fis-suq għandhom jinformaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien dwar l-informazzjoni msemmija fil-punt 2.1.
- 2.3 Id-data speċifikata fil-punt 2 tal-Parti B tal-Anness I għandha tiġi trażmessa f'konformità mal-Artikolu 5(1) mill-punt tal-kuntatt tal-manifattur permezz ta' trasferiment elettroniku tad-data lir-Repożitorju tad-Data tan-Negozju ġestit mill-Aġenzija.

Il-punt tal-kuntatt għandu jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija meta d-data tiġi trażmessa bil-posta elektronika lill-indirizzi msemmija fil-punt 1.1.

---

<sup>1</sup> Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 19/2011 tal-11 ta' Jannar 2011 li jikkonċerna r-rekwiżiti għall-approvazzjoni skont it-tip għall-pjanċa statutorja tal-manifattur u għan-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom (ĠU L 8, 12.1.2011, p. 1).

3. Ipproċessar ta' data
    - 3.1 L-Aġenzija għandha tipproċessa d-data trażmessa skont il-punti 1.1 u 2.3 u għandha tirreġistra d-data pproċessata fir-Reġistru.
    - 3.2 Id-data relatata ma' vetturi heavy-duty rreġistrati fis-sena kalendarja preċedenti u rreġistrati fir-Reġistru għandha tkun magħmula pubblika sal-31 ta' Ottubru ta' kull sena, mill-2020 'il quddiem, bl-eċċezzjoni tal-entrati tad-data speċifikati fl-Artikolu 6(1).
    - 3.3 Fejn awtorità kompetenti jew il-manifatturi jidentifikaw żbalji fid-data sottomessa, dawn għandhom jinnotifikawhom mingħajr dewmien lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija billi jissottomettu rapport ta' notifika ta' żball lir-Repożitorju tad-Data Ċentrali jew lir-Repożitorju tad-Data tan-Negozju u bil-posta elettronika mibgħuta lill-indirizzi msemmija fil-punt 1.1.
    - 3.4 Bl-appoġġ tal-Aġenzija, il-Kummissjoni għandha tivverifika l-iżbalji nnotifikati u, fejn xieraq, tikkoreġi d-data fir-Reġistru.
    - 3.5 Bl-appoġġ tal-Aġenzija, il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli formati elettroniċi għat-trażmissjonijiet tad-data msemmija fil-punti 1.1 u 2.3 fiż-żmien dovut qabel id-dati tal-iskadenza tat-trażmissjoni.
-